MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 577/2001/1

**Lara Zammit**

**vs**

**Anouar El Mahouachi**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-26 ta' Marzu 1999 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok "A").

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza u biza' u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null a tenur ta' l-**artikolu 19(1)(a) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null a tenur ta' **l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null a tenur ta' l-**artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-partijiet rabtu l-kunsens taghhom ma' kondizzjoni illi tirreferi ghall-futur u ghalhekk iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null a tenur ta' l-**artikolu 19(1)(g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-26 ta' Marzu 1999 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tal-25 ta’ Settembru 2001.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat fis-17 t’Ottubru 2001 (*a tergo* ta’ fol 16) bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza u baqa’ ma prezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduti tat-23 ta’ Jannar 2002, tat-12 t’April 2002, tal-10 t’ Ottubru 2002 fejn din il-kawza bdiet

tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, inghata digriet tal-affidavit lill-attrici b'terminu ta' 40 jum millum. Dr Tony Ellul ghall-konvenut talab li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ppreffiggiet terminu t'20 jum ghal dan l-iskop min-notifika tal-affidavit bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li jkollha 20 jum biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t'April 2003.

Rat ir-rikors tal-attrici tas-17 ta' Jannar 2003 u d-digriet tal-Qorti tal-20 ta' Jannar 2003 fejn laqghet it-talba.

Rat it-tlett affidavits prezentati mill-attrici fis-17 ta' Jannar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) KAWZA ODJERNA

Illi fic-citazzjoni, l-attrici talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut iccelebrat fis-26 ta' Marzu 1999 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (d), (f) u (g) tal-artikolu 19 (1)** kif ukoll *ai termini* **tal-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255** izda mill-assjem tal-provi jidher li l-kwistjoni principali f'dan il-kaz hi jekk il-konvenut izzewwigx lill-attrici semplicement ghall-konvenjenza u cioe` sabiex ikun jista' jakkwista passaport Malti u cittadinanza Maltija jew inkella zzewwigx biex jifforma nukleju familjari bl-elementi kollha essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva li minkejja li l-konvenut huwa kontumaci xorta wahda din il-Qorti hi obbligata li tezamina l-provi sabiex tara jekk dak allegat mill-attur jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi. Iz-zwieg hu istituzzjoni ferm importanti ghall-istabbilita` socjali; zwieg debitament registrat skond id-disposizzjonijiet relattivi tal-**Kodici Civili** hu presunt validu sakemm ma jigix pruvat il-

kuntrarju; u anke li kieku hawn *si tratta* ta’ ammissjoni ghal kollox u bla ebda kondizzjoni tat-talba attrici (**Art. 158 (2) Kap 12**) din il-Qorti ma tkunx ezonerata f’kaz ta’ kawza ghall-annullament taz-zwieg milli tisma’ l-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (**“Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri”** – P.A. (VDG) - 3 ta’ Ottubru 1995 -Cit. Nru. 1264/94).

## (B) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Lara Zammit** qalet is-segwenti:

*“Jiena kont iltqajt ma Anour meta kelli tmintax il-sena. Dak iz-zmien kien jahdem mieghi l-Price Club. Jiena kont nahdem bhala cashier u huwa kien jahdem bhala stacker. Konna bdejna nohorgu flimkien mhux bhala gharajjes izda bhala klikka ta' hbieb. Il-hrug taghna kien ikun principalemt fil-weekends ghalkemm gieli konna nohorgu flimkien wara x-xoghol. Fil-fatt din il-klikka ta' hbieb kienu principalment impjegati tal-Price Club.*

*Waqt li konna nohorgu flimkien jiena kont ninduna li huwa ma kienx ikollu flus. Jiena kont nithassru. Kont nithassru ghaliex kont naf li qed jithallas bil-ftit minhabba l-fatt li kien qieghed jahdem illegalment Fil-fatt huwa kien ikun hafna bin-nervi u kien dejjem bezghan minhabba l-fatt li kien jibza' li sejrin jaqbduh il-Pulizija. Wara ftit taz-zmien huwa kien talab lil tal-Price Club izjed flus u dawna rrifjutaw din il-proposta tieghu u spiccaw sabiex keccewh. B'hekk Anour kien ikun fi problemi finanzjarji akbar u jiena kont inkompli nghinu f’dawk li huma finanzi.*

*Maz-zmien din il-hbiberija saret relazzjoni u bdejna ghalhekk nohorgu flimkien. Certament f’dan iz-zmien ma kien hemm ebda hsibijiet ta' zwieg u lanqas qatt ma tkellimna fuq zwieg. Fil-fatt fil-hajja l-ghan tieghi kien illi l-ewwel ingawdi l-hajja imbaghad nizzewweg meta jkolli xi 28 sena. F'dan iz-zmien li bedjt nohrog ma Anour jiena kelli biss 18-il sena. Ma kienx l-ewwel boyfriend tieghi u r-*

*relazzjoni taghna kienet wahda semplici ta' boyfriend u girlfriend bid-differenza pero` li Anour kien kompletament dipendenti fuqi finanzjarjament u dana minhabba l-fatt li ma kienx jahdem.*

*Il-genituri tieghi ntebhu b'din ir-relazzjoni u ma kienux kuntenti biha. In-nuqqas ta' kuntentizza taghhom kienet minhabba l-fatt li kienu jhossu li dan Anour qed jghix minn fuq dahri. Jiena ma kontx ghidt lill-genituri tieghi fil-bidu tar-relazzjoni taghna li Anour kien Tunezin. Kont ghidtilhom li huwa Belgjan. Ftit wara pero` l-genituri tieghi kienu skoprew li dan kien Tunezin u r-rabbja taghhom kibret. Spjegawli li ma Tunezin li qieghed hawn Malta illegalment u li ma jahdimx u li jghix bil-paga tieghi stess ma kelli ebda futur. Ghidtilhom li jiena ma kontx qed infittex futur mieghu. Kont sempliciment nohrog mieghu u kont nghinu finanzjarjament ghax kont nithassru.*

*Il-genituri tieghi pero`, minkejja din l-ispjegazzjoni, insistew li jiena kelli nitilqu jew inkella nitlaq mid-dar. Qalu hekk f'mument ta' rabja pero` jiena hekk ghamilt. Qbadt u krejt appartament f'Paceville u tlaqt mid-dar. Ghamilt hekk principalment biex nisfidhom.*

*Il-hajja taghna nghixu flimkien kienet izjed difficli. Kellna l-ispiza tal-kera u Anour baqa' ma jistax isib xoghol. Jiena fil-fatt, ghalkemm kont inhobb xi ftit li Anour (jew ahjar Manwel kif konna nafuh) ma nistax nghid li din kienet xi imhabba vera. Nghid fil-fatt illi qatt ma ddiskutejna zwieg. Ilgenituri tieghi baqghu jinsistu li nigi lura d-dar bil-kundizzjoni li nitilqu. Jiena ffissajt pero` li l-genituri kellhom jaccettaw l-ghazla tieghi li jiena ridt nohrog ma Manwel.*

*B'kollox domna nghixu flimkien xi sena u nofs u l-qaghda finanzjarja taghna bdiet dejjem tmur ghall-aghar. Kont skoprejt li Manwel kellu vizzju tal-loghob - flusi kien jispicca' jilghabhom 'kaxxa'. Tant kont iddisprata li kelli nibda' nirrikorri ghand ommi biex ittini l-ikel ghax lanqas kien ikollna biex naghmlu xirja. Fil-bidu ma bsartx li l-problema tal-loghob kienet daqshekk gravi. Kont nemmen li kien jilghab ftit. Anki jiena stess, fl-ahhar mill-ahhar, meta kont nohrog kont niehu pjacir nilghab xi hamsin*

*centezmu filvideo games. Hekk kont nirraguna dak iz-zmien ghax kont ghadni mhux matura u ma kelli ebda esperjenza tal-hajja, wisq inqas li nghix wahdi ma ragel li kien dipendenti fuqi finanzjarjament.*

*Fianlment Manwel beda' jinsisti mieghi li ahjar nizzewwgu biex b'hekk huwa jkun intitolat li japplika u jottjeni permess tax-xoghol biex b'hekk ikollna zewg pagi flok tieghi biss.*

*Jiena din l-idea ghogbitni ghaliex fil-qaghda ddisprata li konna ftit kellna ghazla. Kont nahseb u nghid illi jekk dan isehh u jiena u Anour niehdu r-ruh finanzjarjament kont inkun nista' mmur lura ghand il-genituri tieghi u naghtihom risposta. Fl-isfond ta' mohhi pero` ma kelliex intenzjonijiet veri ta' zwieg veru. Dan la ghalija u nahseb lanqas ghal Manwel ma kien l-mod u r-raguni idejali biex nizzewwgu. Kien biss metodu kif stajna infiequ finanzjarjament u jiena wkoll naghti risposta lill-genituri tieghi.*

*Iz-zwieg taghna sar b'mod civili biss. Izzewwigt bir-registru biss u ma riedtx nizzewweg bil-Knisja ghax ma riedtx li l-genituri tieghi jkunu jafu. Apparti minn hekk Anour kien Musulman. Il-genituri tieghi fil-fatt ghadhom sal-lum ma jafux li zzewwigt u lanqas irridhom ikunu jafu.*

*Wara z-zwieg Anour beda gej b'hafna cajt biex jahdem. Ix-xoghol li beda jsib beda jirrifjutah. Daqqa ghax ma riedx jahdem bhala waiter. Daqqa l-paga mhux bizzejjed. F'dan iz-zmien ukoll indunajt li l-problema tal-loghob kienet ikbar milli kont nahseb. Indunajt ukoll li sa certu punt Anour lili kien uzani. Nemmen li forsi kien ihobbni xi ftit pero` l-ghan principali tieghu fil-fehma tieghi kienet biex jiena nizzewwgu halli ma jibqax hawn Malta illegalment. Jiena sa certu punt ghamilt dan il-pass ghaliex ma kontx matura bizzejjed. Illum naghraf li ghamilt mhux zball izda zball kbir u stupidu. Webbist rasi fuq xi haga li kellha konsegwenzi tant koroh.*

*Fil-fatt xi xahrejn wara li zzewwigna jiena tlaqt mill-flat li konna nikru u mort lura ghand il-genituri tieghi. Ghidtilhom li kont iddejjaqt nghix wahdi pero` ma ghidtilhom xejn dwar iz-zwieg. Zammejt kuntatt ma Anour biss sabiex*

*ikunu nistghu naghmlu s-separazzjoni. Ridt li r-relazzjonijiet taghna jibqghu taparsi tajbin sabiex b'hekk niehu l-firma tieghu fuq kuntratt ta' separazzjoni. Ridt fil-fatt li bil-mod u minghajr glied insewwi l-izball li ghamilt u nerga' nibda hajti mill-gdid.*

*Illum fil-fatt nahdem gewwa Casino fl-Ingilterra u tlaqt ukoll ghax kont wasalt f'certu punt li ma tantx stajt inkompli nahbi li kont izzewwigt. Ftit huma n-nies li jafu ghajr ghal xi hbieb intimi tieghi."*

Illi fl-affidavit taghha ix-xhud **Sonia Sammut** sostniet illi:

*"Jiena lil Lara kont nafha billi konna nahdmu flimkien fil-Casino ta' San Giljan. Jiena, bhal Lara kont croupier. Apparti l-fatt li konna nahdmu flimkien, konna wkoll hbieb fis-sens illi nohorgu flimkien. Jiena lil Lara kont nafha wkoll mill-iskola ghalkemm bdejt nahdem il-Casino ghall-habta ta' Marzu 1999.*

*Jiena fil-fatt, minkejja din il-hbieberija, lanqas kont naf li Lara zzewget. Sirt naf ghax qaltli hi wara li zzewwget. Niftakar meta qaltli bqajt imbellha u l-ewwel reazzjoni tieghi kienet li hadt ghalija li lanqas biss kont mistiedna. Kienet Lara li qaltli li fil-fatt ma sar ebda tieg ghax lanqas il-genituri taghha ma kienu jafa li zzewwget.*

*Lara kompliet tispjegali wkoll illi zzewwget lil Anour li jiena kont nafu bhala Manwel.*

*Jiena skantajt izjed u izjed ghax ma rajtx lil Lara partikolarment interessata f'dan Manwel. Naf fil-fatt li Lara wara x-xoghol kienet tohrog mieghi. Il-gurnata taghna kienet tkun l-izjed nahdmu filghaxija u wara nohorgu Paceville. Anki meta kien ikollna l-granet off konna nohorgu flimkien u dan Anour ma kienx ikun maghha. Naf illi Lara kienet tghidlu jekk iridx jigi izda huwa kien dejjem jirrispondi li ma kellux aptit.*

*Dan kollu jiskantani u ma kont nara ebda forma ta' relazzjoni bejn Lara u Anour li waslitni sabiex nahseb li dawn sejrin jizzewwgu. Li kien jolqotni wkoll kien illi meta*

*konna inkunu sejrin Paceville flimkien, Anour lanqas qatt ma kien jindenja ruhu jcempel jew jistaqsi fejn morna.*

*Jiena fuq Anour li nista' nghid huwa li kien dejjem jghix minn fuq Lara. Kien hawn Malta bla permess u nhoss li kkonvica lil Lara sabiex tizzewweg biex igib permess tax-xoghol. Finanzjarjament dan Anour kien kompletament dipendenti fuq Lara. Lara tahdem u huwa jokrob li m'ghanhux flus ghax m'ghandhux working permit.*

*Meta allura Lara infurmatni li zzewwget lil Anour, bla cerimonji ta' xejn, kien f'dan l-isfond kollu li jiena ma stajtx nemmen dak li kienet qed tghidli. Jiena staqsejt lil Lara x'wassalha taghmel dan u hija wiegbet li, minhabba diffikultajiet finanzjarji li kellha, hasset li kellha tizzewweg sabiex b'hekk Anour igib il-working permit u jibda' jahdem. Jiena rrabjajt hafna maghha u ghidtilha li dan ma kienx ragunament validu. Irrabjajt fuq kollox ghaliex kont naf li Lara kienet naive hafna u ghazlet li tizzewweg fuq ragunijiet kompletament stupidi.*

*Ma kellix dubju li dan iz-zwieg, li meta infurmatni Lara qaltli wkoll li kienet ilha hmistax li zzewwget, ma kienx sejjer idum wisq. Fil-fatt il-hajja ta' Lara baqghet l-istess. Bqajna nohorgu normali u Anour qiesu xejn mhu xejn. Dejjem jew id-dar jew fil-barijiet jixrob u jilghab il-kaxxi. Dana kont narah jiena stess ghax Anour kien jiffrekwenta l-istabbilimenti ta' Paceville. L-izjed haga stramba kienet tkun li jiena qieghda ma Lara u Anour f'barijiet ohra f'Paceville u dawn issa mizzewgin!!*

*Wara ftit ta' zmien dan il-work permit hareg izda l-problemi finanzjarji komplew jikbru u zgur li ma gewx solvuta. Anour gab il-work permit izda kien jibda' xoghol u jiflaq. Baqa' dejjem jistrieh finanzjarjament fuq Lara.*

*Lil Lara bdejt nifthilha ghajnejha li ghamlet zball kbir. Ir-reazzjoni taghha kienet wahda ta' biza'. Biza' mill-genituri taghha li ma kienu jafu b'xejn. Biza' minn shabha li ha taqa' ghac-cajt maghhom. Biza' li kienet ha tkun mara separata u u tigi f'ilsien in-nies.*

*Finalment Lara fehmet li ma setghetx tkompli b'din il-hajja u xahrejn wara li zzewwget telqitu lil Anour. Fehmet li ghalkemm ghamlet dan l-izball soluzzjoni jkun hemm u ma setghetx tkompli tghix f'din is-sitwazzjoni. Ftit huma n-nies li jafu b'dan l-izball u sahansitra sal-lum lanqas biss il-genituri taghha ma jafu u darba kienet mizzewwga."*

Illi fl-affidavit taghha **Elizabeth Rutland** qalet:

*"Jiena ili naf lil Lara sa minn meta kellha tmintax-il sena. Konna niltaqg ghaliex ma tantx kellhom grazzja mieghu. Sahansitra qaltli li lill-genituri taghha kienet stqarret maghhom li dana ma kienx Tunezin izda Bulgaru.*
*Niftakar li matul din il-konversazzjoni jiena stess kont urejtha li ma tantx kienet idea tajba li taghmel dan u dana principalment minhabba l-fatt li kien Gharbi.*

*Xi zmien wara dan l-inkontru ergajt iltqajt ma' Lara u nfurmatni li kienet qed tghix ma dan it-Tunezin u li kienu sejrin jizzewwgu. Qaltli ukoll sabiex ma nghid xejn ma hadd, partikolarment ma membri tal-familja taghha peress illi kollox kien sejjer isir bil-mohbi. F'dan iz-zmien jekk m'inhix sejra zball konna qeghdin fil-process li qed napplikaw it-tnejn li ahna sabiex immorru nahdmu l-Casino.*

*Meta Lara qaltli dan jiena nhsadt u ppruvajt infehma li kienet qed taghmel zball. Dana ghamiltu ghaliex lil Lara kont nafha. Kont naf u stajt ninduna li ma kienitx matura bizzejjed biex tapprezza d-decizjoni li qed tiehu. Lil Lara kont naraha ghadha zghira wisq. Dak iz-zmien kellha biss xi tmintax-il sena. Kont inhoss li m'hijiex matura bizzejjed. Kont naf li kellha problemi kbar finanzjarji u ma stajtx nifhem il-logika taghha li z-zwieg kien sejjer isolvi din il-problema.*

*Lara baqghet tinsisti illi din l-ghazla kienet sejra ssir sabiex il-quddiem, meta l-gharus taghha jibda jahdem, hija tkun tista' taghti risposta lill-genituri taghha. Dana kompla jikkonfermali li Lara ma kienitx qeghda tapprezza u tifhem dak li kienet diehla ghalih. Hassejt li kienet qed tigi uzata minn dan l-Gharbi, li sa dak iz-zmien ma kontx*

*ghadni nafu, li kien qieghed forsi japprofitta ruhu minnha sabiex ikun jista' jibqa' Malta.*

*Wara dan l-inkontru jiena sirt naf lil dan ir-ragel u gie introdott lili bhala Manwel. Sirt nafu ghaliex wara x-xoghol taghna l-Casino gieli mort ghand Lara biex naghmel 'waxing'.*

*Gara illi meta sirt nafu gieli kont nara lir-ragel taghha jilghab fil-pubs f'Paceville. Ix-shift taghna ma kienux ikunu l-istess u gieli ghaddew hmistax/tlett gimghat sakemm nergghu ninzertaw fl-istess shift. Peress illi kont naf li Lara kienet ghadha bi problemi finanzjarji kont hassejt li kelli nghidilha li lil Manwel gieli rajtu fil-pubs ta' Paceville jilghab. Ir-risposta taghha taghtini x'nifhem li kienet taf.*

*Wara xi tlett xhur ta' dan is-suppost zwieg, sirt naf li Lara ma baqghetx tghix ma Manwel u li kienet telqet lura ghand il-genituri taghha. Jiena ma tantx skantajt b'din id-decizjoni u kont spjegajtilha li kellha tinsa lil Manwel. Stqarret mieghi li kien issa li fehmet li ghamlet zball u li ma messiex izzewget. Sahansitra naf li kellha tiehu xi flus minghandu u jiena tajtha parir biex tinsa dawn il-flus u thares 'il quddiem u dana l-izball tara kif ha tirrimedjah.*

*Nghid ukoll illi jiena ma kontx mistiedna ghal ebda cerimonja jew riceviment ta' tieg. Skond Lara fil-fatt ma kien sar xejn specjali hlief li marru r-Registru Pubbliku u ffirmaw karta."*

**(C) <u>LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO*</u>**

Illi jidher li l-attrici ibbazat it-talba taghha fuq diversi ragunijiet, wahda minnhom abbazi tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza"*

Illi dwar l-**artikolu 19(1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone**

**Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga` kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru, 1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-*

*genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-***artikolu 19 (a)***."*

Illi pero` mill-provi prodotti ma ingabet ebda prova dwar fejn kienet din il-biza', u certament li mill-provi prodotti vjolenza fizika u / jew morali ma kienx hemm, u ghalhekk fuq din il-bazi t-talba attrici qed tigi michuda, anke ghaliex jidher car li kienet l-attrici li webbset rasha sabiex tizzewweg lill-konvenut u b'dan jidher li l-genituri taghha ma kienu jafu xejn.

Illi l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha wkoll abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d), (f) u (g) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi dawn l-artikoli jinqraw hekk kif gej:-

"**Artikolu 19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu ,jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga,jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

*(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tlett sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255**.

Illi ghar-rigward ta’ l-**artikolu 19(1)(d)** mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti, specjalment il-konvenut, qabel ma zzewgu ma kkunsidrawx bis-serjeta’ l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Inghad illi l-kuncett ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *“supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly.”*

Illi kwindi hi necessarja l-maturita’ li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga. Illi bla ebda dubju ghalkemm il-komportament tal-attrici u il-konvenut juri ammont kbir ta’ immaturita` u li effettivament ma kellux idea ta’ x’kienet tikkomporta l-hajja mizzewga. Illi b’hekk issir referenza ghas-sentenza ta’ din l-istess Qorti fl-ismijiet **“Anthony Gallo vs Dr Anthony Cutajar et”** (Cit.Nru: 1962/99/RCP – 28 ta’ Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati u tasal ghall-konkluzjoni li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1) (d).**

Illi rigward l-**artikolu 19(1) (f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*“colorem habens, substantiam vero nullam”)* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi “*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu”*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **“Bonnici vs Bonnici”** (P.A. 30 ta’ Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*’finis operis’* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **“Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine”.*** (P.A. 22 ta’ Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x’inhu zwieg jew inkella xort’ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta’ simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **“Galea vs Walshi”** (P.A. 30 ta’ Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *“meta l-atti, gesti jew*

*kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*". Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe` 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi 'nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe`, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cioe` saret simulazzjoni parzjali.

Illi 'noltre' fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (Cit.Nru:3130/96/NA – 10/11/99) gie ritenut illi :-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi mill-provi prodotti rrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li l-konvenut izzewweg lill-attrici biex ikun jista’ jottjeni cittadinanza u passaport Malti. Infatti jirrizulta li l-partijiet kienu gja jghixu flimkien qabel dan l’hekk imsejjah zwieg, izda peress jidher car li l-konvenut kien litteralment qed jghix minn fuq l-attrici, gie miftiehem bejn il-partijiet li allura jizzewwgu, bla ma jghidu lil hadd u dan civilment, sabiex l-istess konvenut ikun jista’ jahdem u joqghod hawn Malta. Fil-fatt hekk sar u minkejja dan xorta l-konvenut ma wera l-ebda jew ftit hajra ta’ xoghol u l-permanenza ta’ dan is-suppost zwieg kien biss ta’ ftit xhur ghaliex l-ewwel isseparaw *de facto* u wara sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmel Gafa’ datat 22 ta’ Frar 2001.

Illi kwindi hu ovvju li l-uniku hsieb tal-partijiet meta zzewgu civilment kien biss sabiex permezz ta’ dan iz-zwieg il-konvenut jottjeni c-cittadinanza u l-passaport b’hekk bla ebda dubju l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19(1)(f).** Min-naha taghha l-attrici kienet taf kollox dwar dan pero` tant kienet iddisprata bis-sitwazzjoni li dahlet fiha, li minhabba l-pika mal-genituri taghha li kienu oggezzjonaw ghar-relazzjoni li kellha mal-istess konvenut hija marret tghix mal-istess konvenut, fejn sabet li dan kellu l-vizzju tal-loghob, u kellha tahdem sabiex hija tmantnih, anke jidher f’dan il-vizzju tieghu, li ma’ l-ewwel suggeriment tal-konvenut li b’hekk setgha jghina ghaliex ikun jista’ jahdem, din accettetatu, ghalkemm jidher li lanqas dan ma wassal lill-konvenut sabiex jibqa’ jahdem huwa wkoll.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti jirrizulta li t-talbiet attrici ghandhom jigu miqlugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet, ghaliex dan kien verament zwieg ta’ konvenjenza bejn il-partijiet u sar biss sabiex il-konvenut tramite l-istess zwieg ikun jista’ jakkwista c-cittadinanza Maltija u jkun jista’ jahdem legalment f’dan il-pajjiz, u hawn il-Qorti tirreferi ghax-xhieda prodotta f’din il-kawza u fuq riportata, sabiex jigi kkonfermat li dan iz-zwieg sar bla ebda riferenza ghal dawk li huma l-elementi essenzjali taz-zwieg, apparti li jidher li hadd mill-partijiet

ma jidher li kellu d-deskrizzjoni necessarja sabiex jidhol u jifhem tali elementi taz-zwieg.

Illi fl-ahharnett l-attrici ssostni li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(g)**, pero` din il-Qorti, stante dak deciz, ma jidhirlix li ghandha tidhol f'ezami tal-istess, peress li dan ikun biss process akkademiku, ghaliex in-nullita' taz-zwieg gja giet dikjarata.

Illi konsegwentement irrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-partijiet kien wiehed invalidu abbazi tas-**sub-artikoli (d) u (f),** tal-**artikolu 19 tal-Kap 255** u ghalhekk dan iz-zwieg qed jigi ddikjarat null ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fis-26 ta' Marzu 1999 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *ai termini* **tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------